MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Numru. 1427/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Camilleri detentur tal-karta tal-identita` numru 327368(M).

Akkuzat talli:
F'dawn il-Gzejjer, fl-14 ta' Awissu 2006 jew fil-jiem ta' qabel, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 42(d) u 185(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuza kif dedottiakontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjon u stante li l-fedina penali tal-istess hija wahda netta u stante li l-Qorti hi sodisfatta illi l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputat Joseph Camilleri hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet, qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------